Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
# Numru 191 :: APRIL 2012

**Editur: Paul Vella**

## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-**Ġimgħa, 27 ta' April, 2012** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtieq































u naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri.

## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Il-miżata għadha $10.

## IL-LAQGĦA TA' MARZU

Il-laqgħa ta' Marzu kienet waħda tajba. Għalkemm in-numru ta' dawk li kienu preżenti ma tantx kien kbir minħabba li kellna numru mhux ħażin ta' apoloġiji, il-laqgħa kienet waħda interessanti. Sar qari minn Frank Bonett, Joe Bonett, Laurie Armato, Marie Louise Anastasi u Michael Xuereb. Raymond Anastasi tkellem fuq iċ-ċelebrazzjonijiet tas-70 Anniversarju tal-Għoti tal-George Cross lil Malta u dwar kompetizzjonijiet li qed jiġu organizzati mill-Konsolat ta' Malta fil-Victoria. Is-suġġett ta' din il-kompetizzjoni hija tifkiriet fuq il-George Cross u l-gwerra. Kien hawn li ħafna membri qasmu magħna t-tifkiriet tagħhom tal-gwerra u tifkiriet oħra li ġew mgħoddija lilhom mill-ġenituri tagħhom. Kulħadd deher ferħan b'dak li ntqal. Għal aktar informazzjoni dwar dawn iċ-ċelebrazzjonijiet isimgħu l-avviżi fuq il-programmi Maltin fuq ir-radjijiet.

***Jikteb Patrick Sammut, minn Malta:***

## IMUT PETER A. CARUANA

Tħabbret il-mewt tal-kittieb u poeta Peter A. Caruana nhar il-Hamis, 1 ta' Marzu. Lil Peter ħafna jafuh bħala dak li spiss kien jitkellem dwar il-pjanti. Il-membri tal-Għaqda Poeti Maltin jafuh bħala poeta ta' versi miktubin bil-prosodija tradizzjonali, maħdumin b'sengħa u b'imħabba kbira lejn il-kelma Maltija. Il-ġabra ta' poeżiji Bukkett Vjoli ħarġet fl-1981. Kemm-il darba insista pubblikament li aħna l-Maltin għandna nagħtu iktar importanza lill-mod kif inħaddmu l-kelma Maltija u spiss ħadha kontra min fuq il-mezzi tax-xandir ma jagħmilx riklam tajjeb lil ilsienna. Spiss kien jattendi l-Lejliet ta' Poeżija mtellgħin mill-Għaqda Poeti Maltin (li tagħha kien Membru Onorarju) flimkien ma' martu Mary Grace u jaqra versi marbutin l-aktar mat-twemmin. Jiena qrajt ukoll in-novelli tiegħu fil-volum ippubblikat fl-1970 bl-isem ta' Żewġ Ilħna. Qrajt ukoll il-ġabra ġdida ta' novelli tiegħu li s'issa għadha ma ratx id-dawl u li nispera ħafna li xi darba jew oħra jkun hemm min ixammar il-kmiem u jippubblikaha. Peter kien attiv fl-inizzjattiva kultura ta' Ħaż-Żabbar, "Kikkra Kulturali". Agħtih Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.

Għal intervista ma' Peter A. Caruana ara l-link: http://patrickjsammut.blogspot.com/2010/08/intervista-mal-kittieb-u-poeta-peter.html

## "L-AVVANZ TAL-PELLEGRIN" — *Traduzzjoni għal Malti*




Wara 333 sena mill-pubblikazzjoni tal-ewwel edizzjoni tal-ktieb klassiku Kristjan "The Pilgrim's Progress" tal-awtur John Bunyan, issa ghandna wkoll l-ewwel edizzjoni bil-Malti "L-Avvanz tal-Pellegrin". Dan il-kapolavur hu tradott f'aktar minn mitejn lingwa differenti. Fil-fatt l-edizzjoni bil-Malti hija l-214-il waħda! It-traduzzjoni għall-Malti, minn Joseph Farrugia, hi fidila għall-oriġinali, mirquma, u miktuba bi stil mexxej. Il-ktieb huwa hardbound u delux, b'xi ħamsin illustrazzjoni mill-isbaħ, mappa tal-vjaġġ ikkulurita u kif ukoll bosta 'footnotes'. Kollox ma kollox, "L-Avvanz tal-Pellegrin" hu ktieb brillanti. Wieħed jista' wkoll iżur is-sit elettroniku www.lavvanztalpellegrin.com fejn isib aktar informazzjoni u bosta riżorsi relatati ma' dan ix-xogħol.

***Nixtiequ naraw aktar membri jissieħbu magħna. Jekk kull membru jħajjar lil xi ħadd tal-familja jew xi ħbieb li għandhom għal qalbhom il-lingwa Maltija, b'hekk inkabbru n-numru tal-membri tal-Grupp tagħna.***

# PREMJU ĠIEĦ L-ARTIĠJANAT MALTI 2011

Is-sur Paul P. Borg ġie ddikjarat rebbieħ tal-kompetizzjoni **Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti 2011** fit-taqsima Tagħlim u Riċerka fil-kategorija Inizjattivi Favur l-Artiġjanat, organizzata mill-Ministeru għall-Kompetizzjoni Ġusta, Negozji Żgħar u l-Konsumatur. Il-premju ngħata għall-pubblikazzjonijiet ta' riċerka etnografika ta' Borg, fosthom *Snajja' u Xogħol il-Maltin, Quest for Identity – the Mellieħa experience,* kif ukoll *Nismagħhem Jgħidu.*

Il-pubblikazzjonijiet li ressaq Borg għal dan il-premju prestiġġjuż huma riżultat ta' riċerka etnografika dwar drawwiet, snajja', xogħlijiet, għajdut, u artiġjanat tradizzjonali miġburin qabel ma jintilfu għalkollox ma' kull xiħ u ma' kull xiħa li jintemmu minn fostna. Borg għadu għaddej b'din ir-riċerka matul dawn l-aħħar erbgħin sena biex ma jintilifx tagħrif dwar l-identità tagħna l-Maltin u l-kultura tagħna.

L-għanijiet tiegħu f'din il-ħidma kienu li bħala Maltin nifhmu sewwa aħna stess l-għeruq soċjali u kulturali li jidentifikawna u fl-istess ħin jagħmluna aħwa f'din il-familja Ewropea. Borg ried ukoll iwassal dan it-tagħrif lill-Maltin ta' għada (fl-iskejjel, fl-Università) biex juruhom li l-ġens Malti wkoll ħa sehem attiv fl-iżvilupp soċjali u kulturali tal-Mediterran u tal-Ewropa.

Għan ieħor għal dawn il-kitbiet kien li jintwera lill-bqija tal-familja Ewropea l-wirt kulturali tagħna, is-snajja', l-artiġjanat, it-taħdit, il-ħsieb u dak kollu li jagħmilna membri qodma ta' din il-familja.

Il-ħidma ta' Borg f'dan il-qasam għadha għaddejja u fost proġetti oħrajn li għandu f'idejh hemm pubblikazzjoni ta' volum ieħor ta' riċerka etnografika *Nismagħhem Jgħidu,* kif ukoll studju komparattiv aktar miftuħ li juri d-diversità u t-tixbih f'xogħol, snajja', artiġjanat u tradizzjonijiet marbuta mal-ambjent ma' xi reġjuni oħrajn Ewropej.

## *Ittri minn Malta . . .*

Għażiż Paul,

Għalkemm iltqajna permezz tal-Internet, irrid inkattar dan il-kuntatt għal ħafna oħrajn fil-ġejjieni. Jiena ili midħla fil-qasam tal-Malti minn meta kont għadni student. Fil-fatt kont imsieħeb fl-Għaqda Kittieba Żgħażagħ u anke fl-Akkademja tal-Malti meta Ġuże` Galea, Wallace Gulia u esponenti oħra tal-Malti kienu fit-tmexxija. Ma nafx smajtx, ftit tal-jiem ilu ħalliena Peter Caruana fl-għomor ta' 74 sena, li kien il-fundatur u l-president tal-Għaqda Kittieba Żgħażagħ fis-sittinijiet. Meta dawk li konna niffurmawha qbiżna l-35 sena, din l-għaqda biddlet l-isem biex saret magħrufa bħala Grupp Awturi. Sa mill-2004 l-attività tiegħi hija t-tmexxija ta' Dar tat-Traduzzjoni, għalhekk il-Malti baqa' parti minn ħajti, l-ewwel b'namra u aktar tard b'xogħol.

Irrid inżid li fraħt ħafna meta dalgħodu ftaħt l-emejl biex sibt il-Folju ta' Aħbarijiet tal-'Maltese Literature Group'. Għalkemm inti u tant Maltin tinsabu eluf ta' kilometri 'l bogħod minn Malta, xorta l-Malti baqa' jkebbes ġo qalbkom tifkira sabiħa ta' dan l-ilsien kbir li għandna. 'Il-Kebbies tal-Fanali' tal-mibki Anton Buttiġieġ ħaditni lura għaż-żmien tal-Matrikola fl-1965.

Ma nafx jekk is-sħubija hix miftuħa għall-Maltin f'Malta b'sens ta' solidarjetà ma' grupp li qed jaħdem biex dan l-ilsien tagħna jinżamm ħaj. Nifhem li tkun ħaġa tajba ħafna jekk ikun hawn inizjattiva biex Maltin fl-Awstralja li qed jaħdmu favur il-Malti, jsibu l-appoġġ minn simpatizzanti f'art twelidhom stess.

Inselli għalik

**Maurice deGaetano**

Għażiż Paul

Grazzi ħafna. Nixtieq nissieħeb magħkom imma noqgħod il-bogħod u rrid niġi bl-ajruplan.

Prosit tal-Fuljett sabiħ. Jien kont naf lil Anton Buttiġieġ u kont narah il-Ħamrun. Raġel sewwa ħafna. Kont napprezza l-kitba tiegħu u leħen tal-qari tiegħu.

Komplu xogħol kif intom. Nispera li torganizzaw kompetizzjoni tal-kitba għalina fl-Awstralja.

Saħħa u grazzi.

**Antoinette Mascari**

## Il-21 Anniversarju mill-mewt ta' Dr Guże` Abela



### Agenda

L-irqaqat ta' aġenda
Ta' ħwejjeġ
Li għandhom isiru
U li qatt ma jsiru
Iħassru ħżuż romantiċi
Li għożżejt.
Wiċċi qed jibbies
Bħal blat nofsu mikxuf
Li r-riħ qed jillixxalu
It-tikmix
Ta' tbissima li tħobb,
U li tiftakar
Pjaċiri qodma.


State Government Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
BANK OF VALLETTA p.l.c.
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**